MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-3 ta' April, 2003

Appell Kriminali Numru. 13/2003

Il-Pulizija
(Spettur Martin Sammut)
Vs
Karmenu Farrugia

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-25.7.2002 ghall-habta tas-2.30 p.m. gewwa Triq is-Swieqi, Swieqi :

1) hedded, insulenta, immolesta jew iddisturba lil Silvio Farrugia waqt il-qadi ta' dmirijietu u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 tal-Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) naqas li jikkopera ma' ufficjali tal-Awtorita' tas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-post tax-xoghol;
3) hedded lil Silvio Farrugia ufficjal tal-Awtorita' tas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-post tax-xoghol waqt il-qadi ta' dmirijietu

u dan bi ksur ta' l-Artikolu 38(2)(g) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta;
4) ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Silvio Farrugia, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95(1) tal-Kap. 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Jannar, 2003, li biha wara li rat l-Artikolu 18, 38(2)(e)(g) tal-Kap 424 u l-Artikolu 95(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu w kkundannatu ghal hlas ta' multa komplessiva ta' tletin lira Maltin (LM30).

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fit-3 ta' Frar, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' htija w minflok il-piena moghtija, tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Rat illi l-appellat fis-seduta tal-lum naqas li jidher allavolja debitament notifikat;

Semghet it-trattazzjoni ta' l-Avukat Generali;

Ikkonsidrat :

Billi jidher manifest illi skond l-Artikolu 38(2)(g) tal-Kap 424, il-piena pekunjarja minima li l-Ewwel Qorti setghet taghti kienet wahda ta' mitejn lira Maltin (LM200) u dan jidher illi sfugga lill-Ewwel Qorti meta giet biex tapplika l-piena, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha in kwantu sabet lill-appellat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu w wara li rat l-Artikolu 17(h) tal-Kap 9, tirrevoka fil-parti taghha fejn ikkundannat lill-appellat ghall-multa ta' tletin lira Maltija (LM30) u minflok tikkundannah ghal multa ta' mitejn lira Maltin (LM200) ghat-tielet imputazzjoni b'dan li t-tlett imputazzjonijiet l-

ohra jigu assorbiti f'dan ir-reat u dana peress li servew bhala mezz ghal fini biex jigi kommess dan ir-reat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------